MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2008

Talba Numru. 446/2007

**Nicholas Camilleri**
**(ID 381769 M)**

**Vs**

**Anthony Buttigieg**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-18 ta` Mejju, 2007, fejn intalab li l-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas lill-attur is-somma ta` elf, tliet mija u tmintax il-lira maltija u sbatax il-centezmu, llum ekwivalenti ghal tliet elef u sebghin Euro u wiehed u hamsin centezmu (€3,070.51c) bil-VAT inkluz, rapprezentanti valur ta` danni subiti mill-attur gewwa l-fond proprjeta` tieghu 86 “Camille” Triq Victor Vassallo, Attard per konsegwenza ta` xogholijiet strutturali ezegwiti mill-konvenut minn gewwa l-fond “Tina” illum imsejjah G & G Confectionery fl-istess triq, liema fond jigi sottostanti ghal dak ta` l-attur.

Bl-ispejjez u bl-interessi kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta pprezentata mill-konvenut datata 10 ta` Awissu, 2007, fejn ikkontesta t-talba attrici fis-sens illi jafferma l-intempestivita` ta` l-azzjoni odjerna in vista tal-fatt li l-konvenut minn dejjem kien accetta li jaghmel tajjeb ghal hsarat kawzati fil-fond ta` l-attur pero` t-tentattivi tramite l-periti taz-zewg nahat biex jikkonstataw l-istess hsarat ma waslu mkien anke minhabba l-fatt li l-attur qabad u istitwixxa l-odjerni proceduri u ghalhekk se mai l-konvenut ma ghandux ibaghti l-ispejjez ta` dina l-kawza. Illi fit-tieni lok il-konvenut ikkontesta l-kwantum tal-hsarat allegati u jafferma li l-valur ta` l-istess huma frazzjoni ta` dawk mitluba.

B’riserva ghall-eccezzjonijiet ulterjuri.

Ezamina l-provi prodotti nkluz id-dokumenti ezebiti.

Sema` t-trattazzjoni orali maghmula mill-abbli difensur tal-konvenut u mill-istess attur.

Ikkunsidra.

Illi d-divergenza bejn il-partijiet fuq il-meritu ta` dan il-kaz jolqot biss il-kwantum mitlub u fil-fatt ma jirrizultax li hemm xi kwistjoni mill-lat ta` responsabbilita`.

Illi bhala prova tal-valur tal-hsarat, l-attur ressaq lill-Perit Brian Ebejer li kkwantifika l-istess fl-ammont ta` Lm1,318.17c inkluza t-taxxa tal-VAT kif jirrizulta minn Dok. BE2 fejn l-istess kont jinsab spjegat b’mod dettaljat. Qabel ma ntavola l-kawza odjerna l-attur kien kiteb diversi drabi lil Perit Etienne Magri tal-konvenut kif jirrizulta minn Dok. NC 1 u NC 2 u lill-avukati ta` l-istess konvenut Dok. NC 4, liema dokument fih mhux anqas minn erba` ittri. Fil-fatt anke l-istess perit tal-konvenut ikkonferma li l-breakdown tal-valuri mibghuta mill-perit ta` l-attur kienet giet ikkoppjata lilu. L-istess Perit tal-konvenut Etienne Magri jistqarr li huwa ma kienx hejja stima tal-hsarat bil-miktub pero` mad-daqqa t’ghajn deherlu li ma kienx hemm

aktar minn Lm500 hsara u dwar din l-ahhar cifra, jghid li kien qed jixhed fuqha semplicement mill-memorja. Dwar hsara fil-bathroom ma jiftakar xejn. Aktar `il quddiem jikkonferma li kien hemm hsara fil-madum u jistqarr li fejn ma tistax ssolvi l-problema b'semplici *re-grouting*, il-madum kellu jinbidel.

Bi qbil bejn iz-zewg partijiet u b'talba taghhom stess, it-Tribunal nnomina lill-Perit Tekniku Godwin Abela sabiex jaccedi fuq il-post ta` l-attur halli jirrelata fuq il-hsarat u l-valur tat-tiswija taghhom. L-istess Perit Tekniku kkonkluda li kien qed jaqbel perfettament mal-konteggi maghmula mill-Perit ta` l-attur hlief ghal parti li tikkoncerna l-bathroom tiles. Il-Perit ikkonstata li kien hemm biss xi tile wahda jew tnejn maqsuma u dawn ma` hajt wiehed u kwindi l-istima ghal tali tiswija kienet tlahhaq is-somma ta` €123.69c Euro u kwindi ma kienx jehtieg it-tibdil tat-tiles kollha tal-bathroom li kienu jigu jiswew qrib l-istima maghmula mill-perit ta` l-attur fl-ammont ta` Euro 770.37c.

Illi jigi rilevat pero` li l-valuri moghtija mill-Perit Tekniku kif imqabbla ma` dawk tal-Perit ta` l-attur ma jinkludux it-taxxa tal-VAT.

Illi l-attur fit-trattazzjoni tieghu jafferma li l-bathroom tiles ilhom snin twal li tqieghdu u kwindi ser ikun difficli sabiex iqabbilhom. Mill-banda l-ohra l-konsulent legali tal-konvenut afferma li kellu ragun joggezzjona ghall-kont mitlub mill-attur meta wiehed jara d-differenza bejn il-valur mitlub tat-tiles u dawk riskontrati mill-Perit Tekniku. It-Tribunal pero` josserva li ghajr din id-diskrepanza fuq it-tiles li temergi mill-fatt jekk wiehed ghandux jibdel it-tiles kollha jew biss dawk miksura, l-valutazzjonijiet maghmula mill-Perit ta` l-attur kienu korretti. Jigi rilevat ukoll li l-konvenut kien qed joggezzjona fuq il-komplessivita` tal-kont fejn u difatti afferma li kellu biss ihallas "frazzjoni" ta` dak minnu mitlub, cioe` kontestazzjoni li certament ma tirrizultax mir-rapport tekniku tal-Perit Godwin Abela daqskemm ma tirrizultax anqas l-affermazzjoni tieghu li l-attur intavola dawn il-proceduri b'mod affrettat meta wiehed jinnota l-ittri kollha li ntbaghatu minn qabel. Illi madankollu dan it-Tribunal ma jsibx li ghandu jiddisturba

r-rizultanzi tal-Perit Tekniku Godwin Abela fuq dawk li jikkoncernaw it-tiswija tat-tiles.

It-Tribunal ghalhekk qieghed jaqta` u jiddeciedi dan il-kaz billi ghar-ragunijiet premessi qieghed jichad l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut, kwindi jilqa` t-talba attrici fis-sens li jiddikjara li l-konvenut huwa responsabbli ghal hsarat minnu kawzati fil-fond ta` l-attur, jillikwida l-istess hsarat fl-ammont komplessiv ta` Euro €2,313.62c bit-taxxa tal-VAT inkluza u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attur is-somma hekk likwidata fl-ammont ta` Euro €2,313.62c, bl-imghax legali dekorribbli mill-prezentata ta` l-odjern avviz u bl-ispejjez kollha ta` din l-istanza a karigu ta` l-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------